# 156. Il-Pjazza

Mort il-pjazza s-seklu l'għadda,
kien hemm trab tegħreq ġo fih,
ħmieġ tal-mogħoż u ħmieġ taż-żwiemel,
sħab ta' trab jiġri mar-riħ.

Kulħadd jimxi, kollox lajma,
jirkeb biss xi sinjur kbir:
bini l-għatx u tawni nixrob
minn ġos-satal fuq il-bir.

Rajt nies morda bit-trakoma,
bi msarinhom, b'xi musmar,
deni biered, mard tas-sider,
u bil-ġidri u bil-bullar.

Mort il-pjazza f'dan is-seklu:
flok it-trab asfalt xehbien,
kulħadd riekeb, kulħadd jgħaġġel,
fgat bid-dħaħen kullimkien.

Il-muturi u l-juke boxes
jagħtu lkoll mingħajr mogħdrija;
flok trakoma rajt il-kanċer,
mard tal-qalb, nevrastenija.